

# PROGRAMM
## TAL-FESTI SOLENNI LI JSIRU FIL-PARROĊĊA TAL-IMQABBA
F'ĠIEH
# SANTA MARIJA
## PATRUNA TAR-RAĦAL
**mit-30 ta' Lulju sat-22 ta' Awissu 1977**

# "ST. PETER"

## Ironmongery & Household Goods

by

## JOSEPH FARRUGIA

Jissupplixxi:

**COOKERS, FRIDGES, WASHING MACHINES,**
**KMAMAR TAL-BANJU,**
**MADUM TA' KULL STIL U KWALITA'**
**MILL-AQWA, ARISTON GEYSERS,**
**STAINLESS STEEL SINKS KIF UKOLL**
**KULL KWALITA' TA' ŻEBGHA U OĠĠETTI**
**UTILI GHALL-INDUSTRIJA TAL-BINI.**

## ST. PETER

NEW STREET OFF TAS-SEJBA ROAD,
MQABBA.

**TEL. No. 21485**

# KELMTEJN MILL-KAPPILLAN

Għeżież Imqabbin,

Wara ħafna taqtiegħ il-qalb, il-festi jidhru li ħelsu mill-burraxka. Tista' tgħid kulħadd ħa nifs il-ġewwa u reġa' ħa r-ruħ. Għax ngħiduha kif inhi, il-festi għadhom għal qalb il-poplu Malti. Il-festa toħloq okkażjoni biex il-membri imxerrdin tal-familja jerġgħu jiltaqgħu f'raħal tfulithom, u mhumiex ftit l-emigranti li jiġu għall-vaganzi tagħhom fi żmien il-festa.

Iżda tajjeb li niftakru li l-festi li tagħmel il-Knisja huma festi reliġjużi. Dan ifisser li l-iskop prinċipali tagħhom huwa li jressquna iktar lejn Alla; li jkabbru fina l-imħabba lejH, lejn il-Madonna u lejn il-Qaddisin; li jgħaqqduna iktar bejnietna bħal aħwa.

Anki l-festi esterni, tgħidilna l-Knisja, huma ħaġa waħda mal-festa reliġjuża, u għalhekk minnhom irridu inneħħu dak kollu li ma jaqbilx ma' festa tal-Insara. M'hemmx lok għad-dagħa, għas-sokor, għall-vendikazzjonijiet, għall-ilbies imqaċċat esaġerat, għall-botti u nkejja, għall-piki. Nifirħu bla ma ndejqu lil ħaddieħor u bla ma nesaġeraw.

Fl-aħħarnett, nappella lill-parruċċani kollha, iżda speċjalment lil dawk li huma mbegħdin mis-sagramenti, biex japprofittaw ruħhom mill-ġranet tal-festa billi jagħmlu qrara u tqarbina tajba.

J'Alla l-Madonna tixħet il-barka tagħha fuq il-familji kollha tal-Imqabba.

Il-Festa t-Tajba lil kulħadd.

**Dun Anton Vella**
**Kappillan**

M'HEMMX

FESTA

MINGHAJR

QRARA

U

TQARBINA

TAJBA!

# FESTI TA' BARRA

**Is-Sibt, 30 ta' Lulju**

7.00 p.m. — Ħruġ tal-Istatwa ta' Santa Marija fil-Knisja. Wara, l-**Banda King George V** tagħmel programm fil-pjazza. Mixgħela tal-Knisja, Pjazza u Każin King George V.

**Is-Sibt, 13 ta' Awissu**

Wara l-funzjoni tal-Knisja, l-**Banda King George V** tagħmel marċi u ddoqq fil-Pjazza tal-Knisja taħt id-direzzjoni tas-**Surmast Kav. George Martin A.Mus., L.C.M.** Jindaqq ukoll l-**Innu lil Santa Marija Assunta**. Mixgħela ġenerali.

**Il-Ħadd, 14 ta' Awissu — Lejlet il-Festa**

8.30 p.m. — Mixgħela ġenerali. Il-baned **Queen Victoria** taż-Żurrieq u **San Nikola** tas-Siġġiewi, wara li jferrħu t-toroq tal-Imqabba b'marċi, jagħmlu programm fil-Pjazza tal-Knisja.

10.00 p.m. — Ħruq tal-murtali u beraq pront.

11.00 p.m. — Ħruq tal-logħob tan-nar artistiku.

**It-Tnejn, 15 ta' Awissu — Jum il-Festa**

6.00 p.m. — Mixgħela ġenerali. Il-baned **Queen Victoria** u **San Nikola** jdoqqu marċi u jagħmlu programm fil-pjazza tal-Knisja.

7.00 p.m. — Waqt il-ħruġ tal-proċessjoni tindaqq l-**Ave Maris Stella** bil-kant tal-Kor tax-Xebbiet mir-Raħal. Meta l-Proċessjoni tasal ħdejn il-Każin King George V, il-Banda **Queen Victoria** ddoqq **Innu lil Santa Marija Assunta** miktub minn **Patri G.M. Ghigo S.J.**, u mużikat mis-**Surmast Kav. George Martin A.Mus., L.C.M.** Ikantaw fih it-**Tenur Andrew Sapiano** u l-**Baritonu Joe Fenech** mal-Kor tax-Xebbiet mir-Raħal. Waqt il-proċessjoni jsir sparar ta' musketterija, ħruq ta' kaxxi nfernali, murtaletti u beraq pront.

**N.B.** (i) Sett ta' marċi u l-Innu lil Santa Marija Assunta għandhom jinstemgħu fuq il-Cable Radio nhar il-Festa. Iddoqq il-Banda King George V taħt id-direzzjoni tas-Surmast Kav. G. Martin L.Mus., L.C.M.

(ii) Il-logħob tan-nar, il-kaxxi nfernali u l-beraq pront huma kollha xogħol tad-**Dilettanti tas-Soċjetà Santa Marija.**

# FESTI TA' GOL-KNISJA

**Is-Sibt, 30 ta' Lulju — Ftuħ tal-Kwindiċina**

6.00 p.m. — Quddiesa Kantata Solenni. Ċelebrazzjoni Biblika, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

7.00 p.m. — **Isir il-ħruġ tal-Istatwa ta' Santa Marija.** Kant **tal-Ave Maris Stella** u Antifona.

**Il-Ħamis, 11 ta' Awissu — L-Ewwel Jum tat-Tridu**

7.00 p.m. — Quddiesa Kantata mill-**W.R. Kan. Joseph Portelli** bl-Omelija "Marija, mtellgħa s-Sema birruħ u bil-ġisem".

7.45 p.m. — Ċelebrazzjoni Biblika, Innu, Salve, Litanija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Il-Ġimgħa, 12 ta' Awissu — It-Tieni Jum tat-Tridu**

7.00 a.m. — Quddiesa Kantata Solenni.

7.00 p.m. — Quddiesa Kantata speċjali għall-Morda u x-Xjuħ mill-**W.R. Kan. Joseph Bonello** bl-Omelija "Marija, Saħħa tal-Morda". Fl-istess Quddiesa jiġi amministrat is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda.

7.45 p.m. — Kollox bħall-jum ta' qabel.

**Is-Sibt, 13 ta' Awissu — It-Tielet Jum tat-Tridu**

7.00 a.m. — Kollox bħall-jum ta' qabel.

7.00 p.m. — Quddiesa Kantata mill-**W. R. Kan. Vincent Azzopardi** bl-Omelija "Marija, Sultana tas-Sema u tal-Art".

7.45 p.m. — Kollox bħall-jum ta' qabel.

**Il-Hadd, 14 ta' Awissu — Lejlet il-Festa**

8.30 a.m. — Quddiesa Kantata Solenni mill-Kappillan tal-Parroċċa, l-**W. R. Dun Anton Vella.** Kant tat-**Te Deum** b'ringrazzjament u għeluq tat-Tridu, Innu u Antifona.

6.30 p.m. — Translazzjoni Solenni tar-Relikwija u Quddiesa Kantata Solenni. Jiffunzjona **l-W .R. Mons. Prof. Vincenzo Borg.** Ċelebrazzjoni Ewkaristika u Barka Sagramentali.

**It-Tnejn, 15 ta' Awissu — Jum il-Festa**

5.30 a.m. u 7.00 a.m. — Quddies.

8.00 a.m. — Kant Solenni tal-Lawdi.

9.00 a.m. — Konċelebrazzjoni Solenni u Pontifikali bil-Paneġirku, immexxija mill-**W. R. Mons. Prof. Giuseppe Sapiano.**

10.30 a.m., 11.30 a.m., u 12.30 p.m. — Quddies.

6.00 p.m. — Sekondi Vespri Solenni mill-**W. R. Mons. Prof. Vincenzo Borg.**

7.00 p.m. — Proċessjoni bl-istatwa artistika tal-Patruna tal-Parroċċa, immexxija mill-istess Monsinjur.

10.00 p.m. — Ċelebrazzjoni Ewkaristika u bews tar-Relikwija.

**N.B.** (i) Is-Sibt, l-aħħar jum tat-Tridu, wara nofs inhar ikun hawn **Konfessuri Barranin** għall-Qrar.

(ii) Il-Mużika tat-Tridu, Lejlet u Nhar il-Festa tkun taħt it-tmexxija tas-Surmast il-**W. R. Patri Salv. Galea, O.P., L.R.S.M.**

**It-Tnejn, 22 ta' Awissu — L-Ottava tal-Festa**

7.00 p.m. — Quddiesa Kantata Solenni, Repożizzjoni tar-Relikwija, "Te Deum" u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

## L-ISTATWA TA' MARIJA MTELLGHA S-SEMA

Biex infakkru l-25 anniversarju tat-tqegħid tagħha, din is-sena ser nagħtu tagħrif storiku fuq l-**Istatwa tal-B. V. Marija Assunta** li tinsab fuq il-bini tal-**Każin King George V.**

Kienet ilha x-xewqa tal-mibki mejjet **Lorenzo Ellul** li jagħmel statwa kolossali ta' Santa Marija u jpoġġiha f'post prominenti biex tħares lil uliedha l-Imqabbin. Ma kienx hawn żmien aħjar mill-1950 biex iwettaq din ix-xewqa hekk sublimi tiegħu. Fil-ħsieb oriġinali tiegħu din kellha tkun tal-irħam u titpoġġa fil-pjazza, iżda minħabba d-diffikultajiet kbar li ltaqa' magħhom, dan il-ħsieb falla. Iżda l-ħerqa biex jagħmel l-Istatwa ta' Marija Mtellgħa s-Sema baqgħet dejjem tixgħel ġo fih. Intant għall-aħħar tas-sena 1951 wasal fi ftehim mas-Soċjetà ta' Santa Marija fejn ingħata l-permess biex ipoġġi l-Istatwa fuq il-bejt tal-Każin proprju fuq il-faċċata.

Is-Sur **Marco Montebello** ntagħżel biex jagħmel id-disinn u x-xogħol ta' fuq l-Istatwa. Intlaħaq ftehim malajr, u f'Jannar tas-sena 1952 is-Sur Lorenzo Ellul, mgħejjun mis-soċi tal-Każin Re Ġorg V, qata' l-ġebla tal-franka, sħiħa u hekk sabiħa, mill-barriera tiegħu stess f'Ta' Kandja, limiti tal-Imqabba. Minn hawnhekk il-benefattur ħadha, dejjem għas-spejjeż tiegħu, fil-ħanut tas-Sur Montebello ħdejn iċ-ċimiterju tal-Addolorata.

Skond l-istess ftehim ix-xogħol kellu jinbeda wara li ssir l-approvazzjoni mis-Sur Ellul u l-Kumitat tal-mudell tal-Istatwa. L-Istatwa vera kellha tkun magħmulha minn ġebla sħiħa mogħtija mill-istess benefattur, tkun ta' madwar 9 piedi għoli u tkun lesta sa Marzu tas-sena 1952. Il-ftehim kien ikompli jgħid li l-iskultur kellu jirċievi s-somma ta' ħamsin lira sterlina (£50) minn għand id-donatur wara li l-istatwa tittellgħa f'postha taħt id-direzzjoni tal-iskultur Montebello mingħajr ma dan jidħol fl-ispejjeż tat-tlugħ u tat-trasport.

Ix-xogħol mexa mgħaġġel sewwa u nhar il-Ħadd, 22 ta' Ġunju 1952, kienet il-ġurnata li l-Istatwa ta' Santa Marija kellha tittellgħa fuq il-Każin. Din il-ġurnata kienet taħbat ukoll, ġewwa l-Imqabba, il-Festa tal-Qalb ta' Ġesù. Iżda d-diffikultajiet ma kinux żgħar u wara ħafna pariri, ħsibijiet u diversi suġġerimenti minn persuni tas-sengħa, il-Kumitat inkariga lis-Sur **Eugenio Sciberras** biex jieħu ħsieb l-armar u jtella' l-Istatwa. Dan qatagħha li l-Istatwa għandha tibqa' sħiħa u titla' minn

quddiem il-Każin, proċedura li kienet ta' sogru mill-akbar. Wara li twaqqaf l-armar, sar it-tberik tal-Istatwa ta' Marija Mtellgħa s-Sema mill-**Eċċ. Tiegħu Rev.ma Mons. Emm. .Galea, Vig. Ġen.** Wara beda l-mument kritiku. Fost taqtigħ il-qalb mill-akbar, iżda wkoll fost ferħ bla qjies, Lorenzo Ellul, il-Kumitat tal-Każin, soċi u partitarji kollha raw lil din l-Istatwa tiela' bil-mod — iżda dejjem 'il fuq — sakemm waslet f'postha. Hawn saru x-xogħlijiet neċessarji biex l-Istatwa tibqa' mwaħħla għal dejjem. B'hekk din l-Istatwa ta' Sidtna Marija Mtellgħa s-Sema setgħet tħares lil uliedha devoti.

U biex titfakkar din il-ġrajja hekk sabiħa għalina, twaħħlet irħama fuq il-bieb tal-Każin li taqra hekk:

"Min igħid Salve Reġina quddiem din ix-Xbieha tal-B. V. MARIJA ASSUNTA jirbaħ 200 Jum Indulġenza. Mogħtija fis-27 ta' Ġunju 1952 mill-Arċisqof Mikiel Gonzi".

———— :: ————

## MIN IHOBB TASSEW LILL-MADONNA

- **Ma jsemmihiex fil-batal...**
- **Hu deċent ifi lbiesu u fi mġiebtu...**
- **Ma joqgħodx mingħajr Ružarju...**
- **Jgħin lil kull min hu fil-bżonn...**
- **Għandu garanzija li jsalva ruħu...**

# RENDIKONT — FESTA SANTA MARIJA — 1976

## DHUL

| | |
|---|---|
| Bilanċ tas-sena ta' qabel | £M 72.41,7 |
| Imgħax | 2.12,5 |
| Ġbir bl-Envelopes | 285.67,0 |
| Reklami | 13.60,0 |
| Ġbir mix-Xebbiet | 22.50,0 |
| **Dħul Totali** | £M396.31,2 |

## HRUĠ

| | |
|---|---|
| Orkestra | £M154.65,0 |
| Trasport | 10.00,0 |
| Personnel Barrani | 48.00,0 |
| Stampar ta' Programmi | 32.00,0 |
| Funzjonijiet — Kwindiċina u Festa | 15.20,0 |
| Fjuri u Xorb | 3.96,0 |
| Organista | 15.00,0 |
| Armar fil-Knisja | 10.00,0 |
| Daqq ta' Qniepen | 6.00,0 |
| **Hruġ Totali** | £M294.81,0 |
| **Bilanċ** | £M101.50,2 |

**N.B.** Mill-bilanċ, u b'offerta ta' £M20 magħmulha minn familja, saru żewġ brazzi ġodda li qamu £M108. Għalhekk, bilanċ għal din is-sena huwa £M13.50,2.

**Dun Anton Vella**
**Kappillan**




For

Car & Bus Hire

PHONE

ST. JOSEPH GARAGE



Tel. 26496

Proprietor:

EUGENIO SCIBERRAS & SONS

45 & 62, VALLETTA ROAD,

MQABBA

# INNU LIL MARIJA ASSUNTA

(rit.) Hallina ntennulek, Marija
Din l-għanja li ssawret mas-snin,
Irridu ngħallmuha 'l uliedna
Biex biha jsellmulek kull ħin!

Int għextha ġo qalbek
Il-ħajja tal-Fidwa,
U qalbek intgħasret
F'demm Ibnek Mislub,
Għalhekk qomt sabiħa
Mir-raqda tal-qabar,
Rebbieħa bħal Ibnek
Mill-mewt u mid-dnub.

(rit.) Hallina ntennulek ...

Miksija bid-dija
Li żżernaq fil-ġenna,
Imdawwra mill-anġli
Għannejja tas-Sliem,
Titwieżen fuq sħaba,
Bħas-silġ bajdanija,
Int tlajt ġewwa d-difa
Tas-sema bla tmiem.

(rit.) Hallina ntennulek ...

Id-dinja bik tifraħ,
Tissieħeb ma' l-anġli,
Biex [illegible]għed fuq rasek
Ku[illegible] ta' ġieħ,
U lilek issellem,
Omm Alla Sultana
Mogħnija bis-setgħa
Ta' Driegħu rebbieħ.

(rit.) Hallina ntennulek ...

Joseph M. Ghigo, S.J.

Stamperija "IL-ĦAJJA"